# Il-Kult Ġużeppin fil-Knisja Parrokkjali Ta' Stella Maris

**Jikteb Mario Formosa Holt**

## *Tixxennaq u Tinfena Ruħi Għat-Tempju tal-Mulej (2)*

**ŻEWĠHA ĠUŻEPPI, LI KIEN RAĠEL ĠUST.......** Sitt kelmiet xotti, xotti, izda mimlija tifsir mill-aqwa. Huwa l-uniku dettal preċiż li nsibu fl-hekk imsejjaħ RAKKONT TA' L-INFANZJA meħud mill-Evanġelju skond San Mattew dwar il-Mastrudaxxata' Nazaret, li fil-pjan Divin t'Alla kellu jkun il-Ħarries tal-Familja Mqaddsa.



**L-Istatwa ta' San Ġużepp**
**Li hemm fil-faċċata tal-Knisja**
**Parrokkjali ta' Stella Maris**

San Ġużepp, li sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja kien igawdi minn devozzjoni qawwija u maħtur protettur ta' diversi kategoriji fosthom dik tal-mastrudaxxi u ta' l-agonizzanti. Kienu ukoll bosta l-papiet li ħeġġew tant imħabba u devozzjoni lejn dan il-qaddis kbir. Il-Beatu Papa Piju IX, dak li għolla lill-Knisja ta' Stella Maris għad-dinijita ta' L-EWWEL PARROĊĊA SLIMIŻA, bid-digriet tal-kongregazzjoni tar-Riti Quemadmodum Deus Tat-8 ta' Diċembru 1870 ipproklama `l San Ġużepp bħala PATRUN UNIVERSALI TAL-KNISJA. Hekk baqgħu jagħmlu s-suċċessuri kollha ta' dan il-Papa Beatu u ma jitilfux okkażjoni waħda sabiex iħeġġu lill-Insara jirikorru fit-talba tagħhom lejn it-TWAJJEB ĠUŻEPPI.

F'Pajjiżna wkoll id-devozzjoni lejn San Ġużepp għandha għeruq sodi u fil-fond. Jeżistu dokumenti li juru li l-eqdem Fratellanza f' Malta ddedikata lil San Ġużepp, jiġifiri l-Arċi-Konfraternita tar-Rabat ta' l-Imdina kienet diġa' tiffonzjona qabel l-1508. Kwazi f'kull Belt jew Raħal insibu triq li ġġib ismu. Ma jonqsux niċeċ tal-Qaddis fit-toroq tagħna. Drawwa antika sabiħa kienet li kwazi kull familja kien ikollha wild b'dan l-isem. Daqstant ukoll li ma tidħolx fi Knisja jew Kappella fejn ma tilmaħx xi xbieha, kwadru jew sahnsitra xi artal iddedikat lil dan il-Qaddis.

Il-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris mhiex eċezzjoni. Meta tlesta l-bini tal-Knisja ta' Stella Maris fl-1855, il-faċċata ta' l-istess Knisja ma kienetx kif nafuha llum iżda kienet tikkonsisti f'portiku merfugħ fuq erba' kolonni. Għoxrin sena wara għandna diġa' xhieda ħajja ta' devozzjoni bikrija Gużeppina għall-fatt li għall-istess faċċata antika nħadmet filġebla Maltija statwa ta' San Ġużepp. Din l-istatwa ta' San Ġużepp,

flimkien ma' dik ta' Marija Addolorata, huma l-istess li jżejnu l-faċċata li naraw illum u li tlestiet fl-1909. Dawn l-istatwi nħadmu mill-iskultur u statwarju Rabti Mastru Antonio Busuttil u tpoġġew f'posthom, dejjem mal-faċċata l-antika, f'Gunju ta' l-1875 u tbierku nhar it-23 jum ta' l-istess xahar mir-Rev. Mons. Goffredo Scerri, Segretarju ta' l-E.T. Mons Isqof Carmelo Conte Scicluna.



**L-altar ta' San Ġużepp li kien jinsab Fil-Korsija sas-sena 1967**

Mastru Antonio Busuttil(1822-1882) l-aktar li kien magħruf għal numru sabiħ ta' statwi tal-ġebel li ħadem f'diversi pjazez u toroq ta' Malta u Għawdex. Tiegħu ukoll iżda hi l-Istatwa Titulari ta' Marija Assunta għall-Parroċċa ta' Ħad-Dingli. Din ġiet skolpita fl-injam mill-iskultur Rabti fl-1861.

Ta' min igħid li meta nbniet il-Knisja originarjament ma' kienetx kif nafuha llum. Fil-Kursija tal-Knisja tal-bidu kien hemm żewġ artali. Wieħed iddedikat lil San Pawl u ieħor lil San Franġisk de Paola. Biż-żmien dawn inbidlu b'dak tal-lemin ikun iddedikat lil Madonna Tal-Karmnu u dak tax-xellug lil San Ġużepp.

L-Artal ta' San Ġużepp kien ħallas għaliħ is-Sur Anselmo Mercieca, benefattur kbir tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris. Fuq it-taraġ ta' l-artal wieħed kien jista' jara l-arma tal-familja Mercieca flimkien ma skrizzjoni li tikkonferma dan li għedna. Il-Kwadru Titulari ta' dan l-artal tpitter fl-1896 mill-Professur Lazzaro Pisani u juri lill-Patrijarka San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Dan il-kwadru hu magħdud fost l-aqwa xogħolijiet ta' dan l-artist bravu Zebbugi. Meta zzanżan dan il-kwadru f'April ta' l-1896 kienet saret Festa speċjali li bdiet bi Tridu jew aħjar tliet ijiem ta' tħejjija. F'jum il-Festa kienet saret priedka dwar il-Qaddis minn Dun Ġużepp Busietta. Anke l-istess kappella li fiha kien jinsab l-artal ta' San Ġużepp ġiet dekorata u anke żżanżnet terħa minsuġa bi ħjut tad-deheb.u li nħadmet fl-Istitut ta' Cini. Kien hemm żmien meta taħt il-mensola ta' dan l-artal wieħed kien isib il-Korp Qaddis tal-Martri Santa Gustina.

Intant xhieda tal-fatt kemm id-devozzjoni lejn San Ġużepp kienet diġa qabdet art, wieħed isibha fil-fatt li fl-1893, Saverja Agius ħalliet legat sabiex minnu tkun tista' ssir Festa lill-Qaddis permezz ta' primi Vespri, Quddiesa Kantata bil-Priedka u sekondi Vespri. Din il-fondazzjoni kienet taħseb ukoll għall-ispejjez tax-xemgħa li tintuza.

Fl-1892, jiġifieri sena wara li minn Pariġi nġiebet l-Istatwa Titulari ta' Stella Maris, mill-istess Belt Kapitali Franciza nġiebet statwa ta' San Ġużepp. Din l-istatwa tħallset minn benefattriċi devota ta' l-istess Qaddis. Din iżżanżnet f'Jum il-Festa tal-Qaddis jiġifiri nhar id-19 ta' Marzu ta' l-istess sena.



L-Istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris

B'xorti ħażina t-Tieni Gwerra Dinijija ħalliet il-marka fuq uħud minn dawn l-oġġetti sagri li semmejna. L-Istatwa Artistika li kienet inġiebet minn Parigi tkissret. L-Istatwa li naraw illum inħadmet f'Lecce l-Italja fl-1950 u ngħatat mis-Sur Benjamin Gatt.

Fl-Istess sena wkoll sar ventaltar ġdid ta' l-irħam għall-artal ta' San Ġużepp mid-ditta Montecatini ta' Milan. Sitt snin wara nħadmu sett ta' sitt fjuretti tal-ganutell għall-artal ta' San Ġużepp. Dawn inħadmu minn Emmanuel Xiberras.

Fl-1967, fi żmien il-Kappillan Dun (illum Monsinjur) Gwido Calleja tneħħa l-artal tal-Madonna tal-Karmnu sabiex minflokk issir niċċa ġdida għall-Istatwa ta' Stella Maris. Tneħħa wkoll l-artal ta' San Ġużepp sabiex l-Istatwa Titulari u Statwi oħra proċessjonali jibdew jintramaw minfloku. Il-ventartal ta' l-injam ta' l-istess artal tqiegħed mal-faċċata ta' l-altar li jinsab fl-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu li qiegħed biswit is-sagristija. B'xorti tajba iżda l-kapolavur artistiku ta' Lazzaro Pisani għadu mwaħħal f'postu.

Xhieda oħra ta' kemm id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet popolari huwa l-fatt li meta fl-1937 ġew imżanżna l-qniepen il-ġodda, ir-raba' qampiena mis-sett ta' ħames qniepen li nħadmu ġewwa Varese fl-Italja, ġiet imsemmija "Giuseppina" Fuqha hemm iskrizzjoni "Jiena nieħu ismi mingħand il-Ġust Ġużeppi – L-Għarus Kasstissimu ta' l-Immakolata – Imqiegħed Kustodju ta' Ġesu Kristu - Patrun Universali tal-Knisja Kattolika – Ejjew, idħlu f'dan it-Tempju – Morru f'riġlejn Ġużeppi – Agħtu ġieħ lil min rabba s-Sinjur Tiegħu"

Kliem li donnu mhux biss irid ifakkarna mhux biss fid-devozzjoni li l-parruċċani ta' Stella Maris dejjem kellhom lejn dan il-qaddis imma fuq kollox li għandhom ikollhom L-Insara ta' kull żmien lejn il-Patrun tal-Knisja Universali.

Riferenzi


- Il-bibbja, It-tieni Edizzjoni – Għaqda biblika Maltija
- Il-Mastrudaxxa ta' Nazaret – Mons Lawrenz Sciberras
- Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta
- Diversi Programmi tal-Festa maħruġa mill-Kommunita' Ġużeppina tar-Rabat ta' L-Imdina
- Tagħrif ieħor fil-pussess ta' l-Awtur